MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2015

Talba Numru. 186/2015

**Mobisle Communications Limited – C24655**

**vs**

**Frederick Zammit – ID 339590M**

**It-Tribunal,**

**Ra** li fl-AVVIZ is-Socjeta' attrici qed titlob li l-konvenut jigi kkundannata jhallasha s-somma ta' seba' mija u disgha u tmenin Ewro u tnejn u tletin centezmu (€789.32c) in konnessjoni ma servizz moghti mis-Socjeta' lill-konvenuta – servizz nru A/C 79339531, skond Dok A esebit mal-AVVIZ.

Ra li mill-atti jirrizulta li l-konvenut debitament notifikat kemm bl-Avviz tat-Talba u wkoll bl-avviz tas-Seduta, fl-4 ta' April 2015 ma pprezenta l-ebda risposta in kontestazzjoni ghall-istess talba.

Illi fis-seduta tallum l-konvenut ammetta t-talba attrici kif dedotta u kkonferma li ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u disgha u tmenin Ewro u tnejn u tletin centezmu (€789.32c).

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta'

attrici seba' mija u disgha u tmenin Ewro u tnejn u tletin centezmu (€789.32c), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut, b'dana illi l-hlas ghandu jsir permezz ta' hamsin euro (€50) fix-xahar, b'dana li jekk jonqos pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------